

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

14 ta' April 2011 *

Fil-Kawżi magħquda C-42/10, C-45/10 u C-57/10,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Raad van State (il-Belġju), bid-deċiżjonijiet tal-14 ta' Jannar 2010, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 u fit-28 ta' Jannar 2010, fil-proċeduri

Vlaamse Dierenartsenvereniging VZW (C-42/10, C-45/10 u C-57/10),

Marc Janssens (C-42/10 u C-45/10)

vs

Belgische Staat,

fil-preżenza ta':

Luk Vangheluwe (C-42/10),

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, D. Šváby (Relatur), G. Arestis, J. Malenovský u T. von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Frar 2011,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Vlaamse Dierenartsenvereniging VZW, minn R. Gielen, avukat,
- għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux, bħala aġent, assistit minn J.-F. De Bock, avukat,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Marcoulli u B. Burggraaf, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3(b), 4(2), 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 39, p. 75), tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/803/KE, tas-26 ta' Novembru 2003, li tistabbilixxi mudell ta' passaport tal-movimenti fil-Komunità ta' klieb, qtates u nemes (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 41, p. 198), u tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-ġhoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Lulju 1998, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8, iktar 'il quddiem id-“Direttiva 98/34”).
- 2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' tliet azzjonijiet bejn, min-naħa waħda, Vlaamse Dierenartsenvereniging VZW (iktar 'il quddiem “Vlaamse Dierenartsenvereniging”) u M. Janssens (Kawżi C-42/10 u C-45/10), kif ukoll, min-naħa l-oħra, Vlaamse Dierenartsenvereniging (Kawża C-57/10) u Belgische Staat, liema azzjonijiet huma intiżi għall-annullament, rispettivament, tad-Digriet Irjali tal-21 ta' Settembru 2004 li jemenda d-Digriet Irjali tal-10 ta' Frar 1967 li jirregola s-saħħa tal-annimali fir-rigward tar-rabja (*Moniteur belge* tal-24 ta' Settembru 2004, p. 69208, iktar 'il quddiem id-“digriet tal-21 ta' Settembru 2004”) (Kawża C-42/10), tad-Digriet Irjali tat-28 ta' Mejju 2004 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb (*Moniteur belge* tas-7 ta' Ġunju 2004, p. 43185, iktar 'il quddiem id-“digriet tat-28 ta' Mejju 2004”) (Kawża C-45/10) kif ukoll tad-Digriet Irjali tal-5 ta' Mejju 2004 dwar il-mudell u l-metodi ta' distribuzzjoni tal-passaport għall-movimenti fil-Komunità ta' qtates u

nemes (*Moniteur belge* tal-24 ta' Mejju 2004, p. 40130, iktar 'il quddiem id-“digriet tal-5 ta' Mejju 2004”) (Kawża C-57/10).

- 3 B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Marzu 2010, il-Kawżi C-42/10, C-45/10 u C-57/10 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza, minħabba l-konnessjoni tagħhom, b'mod konformi mal-Artikolu 43 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 998/2003

- 4 L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 998/2003 jipprovdi:

“Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

[...]

- b) ‘passaport’ ifisser kull dokument li jgħin lill-annimal tal-gost li jkun identifikat biċ-ċar u jinkludi l-punti li jgħinu li jiġi ċċekkjat l-istatus tiegħu rigward dan ir-Regolament, li jrid jitfassal skond it-tieni paragrafu ta’ l-Artikolu 17;

[...]”

- 5 L-Artikolu 4(2) ta’ dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej:

“Tiegħu liema għamla tiegħu s-sistema ta’ l-identifikazzjoni ta’ l-annimal, għndha ssir dispożizzjoni wkoll sabiex tindika d-dettalji li jidentifikaw l-isem u l-indirizz ta’ sid l-annimal.”

- 6 L-Artikolu 5 tar-regolament imsemmi jiddisponi hekk:

“1. Meta jkunu qegħdin jiġu mċaqalqa ninn post għall-ieħor, l-annimali tal-gost ta’ l-ispeċji elenkati fil-partijiet A u B ta l-Anness I iridu, mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet stabbiliti fl-Artikolu 6:

- a) jiġu identifikati skond l-Artikolu 4, u
- b) ikunu akkumpanjati minn passaport maħruġ minn veterinaju awtorizzat mill-awtorità kompetenti li jiċċertifika t-tilqim validu ta’ kontra r-rabbja, jew it-tilqim mill-ġdid, jekk japplika, skond ir-rakkommandazzjonijiet tal-laboratorju tal-fabbrikazzjoni, imwettqa fuq l-animal fil-kwistjoni b’tilqima inattivata ta’ mill-inqas unità antiġenika waħda f’kull doża (l-istandard tal-WHO).

2. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-moviment ta' l-annimali elenkati fil-partijiet A u B ta' l-Anness I li jkunu ta' tliet xhur għomor u mhux imlaqqma, jekk ikunu akkumpanjati minn passaport u jkunu għexu fil-post fejn twieldu mit-twelid tagħhom mingħajr kuntatt ta' l-annimali selvaġġi li x'aktarx ikunu ġew esposti għall-infezzjoni jew ikunu akkumpanjati minn ommhom li fuqha jkunu għadhom dipendenti."

7 It-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 998/2003 jistabbilixxi:

"Il-passaporti mudell li jridu jakkumpanjaw lill-annimali ta' l-ispeċji elenkati fil-partijiet A u B ta' l-Anness I li jkunu qegħdin jiċċaqalau minn post għall-ieħor għandhom jiġu mfassla skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24(2)."

8 Il-partijiet A u B tal-Anness I tar-regolament imsemmi jirrigwardaw il-klieb, il-qtates u n-nemes.

Id-Deċiżjoni 2003/803

9 B'applikazzjoni tal-Artikolu 1 tagħha, id-Deċiżjoni 2003/803 tistabbilixxi l-passaport mudell għall-movimenti tal-klieb, tal-qtates u tan-nemes bejn l-Istati Membri.

10 B'riferiment għall-Artikolu 2 tad-deċiżjoni msemmija, l-Anness I tagħha jimponi li l-qoxra u l-ewwel tliet paġni ta' dan il-passaport mudell ikunu fil-forma segwenti:



I. OWNER	
1. Name	_____
Surname	_____
Address	_____

Post-code	_____
City	_____
Country	_____
2. Name	_____
Surname	_____
Address	_____

Post-code	_____
City	_____
Country	_____
3. Name	_____
Surname	_____
Address	_____

Post-code	_____
City	_____
Country	_____
ISO Code MS + Number	
Page 1 out of X	

II. DESCRIPTION OF ANIMAL	
PICTURE OF THE ANIMAL (Optional)	
1. Name (*)	_____
2. Species	_____
3. Breed	_____
4. Sex	_____
5. Date of Birth (*)	_____
6. Color	_____
(Enter 6 Digits) (*) As issued by owner	
ISO Code 880 - Number	

III. IDENTIFICATION OF ANIMAL	
1. Microchip Number	_____
2. Date of Microchipping	_____
3. Location of Microchip	_____
4. Tattoo Number	_____
5. Date of Tattooing	_____
The identification must be verified before any new entry is made on this passport	
ISO Code 880 - Number	

¹¹ L-Artikolu 3 tad-Deċizzjoni 2003/803 jiddisponi li l-passaport mudell għandu jikkonforma mall-ħtiġijiet addizzjonali stabbiliti fl-Anness II tagħha.

¹² F'dan ir-rigward, il-punt 1 tal-parti A ta' dan l-Anness II jipprovdi:

“Il-format tal-mudell ta' passaport għandu jkun uniformi.”

¹³ Il-punt 2(ċ) tal-parti B tal-imsemmi Anness II tistabbilixxi li:

“In-numru tal-mudell ta' passaport, kodiċi ISO ta' l-Istat Membru li joħorġu segwiet b'numru uniku, għandu jkun stampat fuq il-qoxra tal-mudell tal-passaport.”

¹⁴ Il-punt 4 tal-parti Ċ tal-istess Anness II jistabbilixxi li d-daqs u l-forma tal-“kaxxi” tal-passaport mudell stabbiliti fl-Anness I huma indikattivi u ma humiex vinkolanti.

Id-Direttiva 98/34

15 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34 jipprovdi:

“Għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw it-tifsriet li ġejjin:

- 1) ‘prodott’, kull prodott fabbrikat b’mod industrijali u kull prodott agrikolu, inklużi prodotti mill-ħut;
- 2) ‘servizz’, kull servizz tas-Soċjetà ta’ l-Informatika, jiġifieri kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b’mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta’ riċevitur ta’ servizzi.

[...]

- 3) ‘speċifikazzjoni teknika’, speċifikazzjoni li tinsab f’dokument li jstabbilixxi l-karatteristiċi meħtieġa ta’ prodott bħalma huma l-livelli ta’ kwalità, ir-riżultat tal-ħidma, is-sigurtà jew id-dimensjonijiet, inklużi l-ħtiġiet li japplikaw għall-prodott rigward l-isem li bih il-prodott jinbiegħ, it-terminoloġija, is-simboli, l-eżaminazzjoni u l-metodi ta’ l-eżaminazzjoni, l-imballaġġ, l-immarkar jew l-ittikkettjar u l-proċeduri ta’ stima tal-konformità.

[...]

- 4) ‘ħtiġiet oħra’ ħtieġa, għajr speċifikazzjoni teknika, imposta fuq prodott bil-għan li tipproteġi, b’mod partikolari, il-konsumatur jew l-ambjent, u li taffettwa ċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu wara li jkun inħareġ fis-suq, bħalma huma l-kondizzjonijiet dwar l-użu, ir-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid jew ir-rimi, fejn dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jinfluwenzaw b’mod sinifikanti l-kompożizzjoni jew in-natura tal-prodott jew il-bejgħ tiegħu fis-suq;

[...]

- 11) ‘regolament tekniku’ speċifikazzjonijiet tekniċi u ħtiġiet oħra jew regoli dwar servizzi, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti, li l-osservanza tagħhom hija obbligatorja, *de jure* jew *de facto*, fil-każ tat-tqegħid fis-suq, il-forniment ta’ servizz, l-istabbiliment ta’ operatur tas-servizz jew l-użu fi Stat Membru jew f’parti l-kbira minnu, kif ukoll il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta’ l-Istati Membri, għajr dawk ipprovduti fl-Artikolu 10, li jipprojbixxu l-fabbrikazzjoni, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta’ prodott, jew li jipprojbixxu l-forniment jew l-użu ta’ servizz, jew l-istabbiliment ta’ fornitur tas-servizz.

[...]”

¹⁶ L-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/34 jipprovdi:

“1. Soġġetti għall-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw fil-pront lill-Kummissjoni kull abbozz ta’ regolament tekniku, għajr fejn dan sempliment jittrasponi t-test ta’ standard internazzjonali jew Ewropew, f’liema każ l-informazzjoni li jkollha x’taqsam ma’ l-istandard rilevanti tkun biżżejjed; għandhom ukoll iħallu lill-Kummissjoni tagħmel dikjarazzjoni dwar ir-raġunijiet li jagħmlu meħtieġa

l-leġislazzjoni ta' dan ir-regolament tekniku, fejn dawn ma jkunux diġà ġew magħmula ċari fl-abbozz.

Fejn ikun xieraq, u għajr jekk ma jkunux diġà bagħtuh b'komunika minn qabel, l-Istati Membri għandhom simultanjament jikkomunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet bażiċi leġislattivi jew regolatorji interessati prinċipalment u direttament, jekk it-tagħrif ta' dan it-test ikun meħtieġ biex jistma l-implikazzjonijiet ta' l-abbozz ta' regolament tekniku.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-abbozz mill-ġdid skond il-kondizzjonijiet ta' hawn fuq jekk jagħmlu tibdil lill-abbozz li jkollu l-effett li jibdel b'mod sinifikanti l-iskop tiegħu, iqassru l-iskeda imfassla oriġinarjament għall-implimentazzjoni, iżidu l-ispeċifikazzjonijiet jew il-ħtiġiet jew jagħmlu lil dawn ta' l-aħħar iktar stretti.

[...]

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika mill-ewwel lill-Istati Membri l-oħra bl-abbozz u d-dokumenti kollha li jkunu ntbagħtulha; tista' wkoll tirreferi dan l-abbozz, għal opinjoni, lill-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 5 u, fejn xieraq, lill-kumitat responsabbli mill-qasam involut inkwistjoni.

[...]

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-test definittiv tar-regolament tekniku lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

[...]”

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

17 L-Artikolu 3(2) tad-digriet tal-5 ta’ Mejju 2004 jipprovdi:

“Kull passaport għandu jkollu numru uniku. Dan in-numru għandu jkun kompost minn tlettax-il simbolu, jiġifieri l-kodiċi ISO tal-Belġju ‘BE’, segwit min-numru ta’ approvazzjoni tad-distributur kompost minn żewġ ċifri u minn numru sussegwenti ta’ disa’ ċifri.”

18 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-digriet tat-28 ta’ Mejju 2004 jipprovdi:

“Il-prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-klieb identifikati u rreġistrati wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan id-digriet hija pprovduta mill-passaport, li l-mudell tiegħu huwa ffixsat fl-Anness II ta’ dan id-digriet, biċ-ċertifikat definittiv ta’ identifikazzjoni u ta’ reġistrazzjoni stabbilit fl-Artikolu 19. Il-mudell taċ-ċertifikat definittiv ta’ identifikazzjoni u ta’ reġistrazzjoni huwa ffixsat fl-Anness III ta’ dan id-digriet.”

- 19 B'riferiment minn dan l-Artikolu 2 għall-Anness II tad-digriet imsemmi, hija stabbilita l-preżentazzjoni tal-passaport mudell għall-animal domestiku li għandu 32 paġna. It-tieni u t-tielet paġna ta' dan tal-aħħar għandu jkollhom il-forma segwenti:

The image shows two pages of a passport form for domestic animals. The left page (Page 1) contains fields for the animal's name, date of birth, sex, breed, and owner's details. The right page (Page 2) contains fields for the animal's identification number, registration number, and a section for health and vaccination records. Both pages have a header with the title 'PASSAPORTO - IDENTIFIKAZZJONI - REGISTRAZZJONI - ANIMALI DOMESTICI'.

- 20 L-Artikolu 20 tad-digriet tat-28 ta' Mejju 2004 jipprovdi kif ġej:

“Iċ-ċertifikat definittiv ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni huwa kkostitwit minn żewġ tikketti adeżivi li għandhom jitwaxxlu fuq il-paġni 2 u 3 tal-passaport.”

- 21 L-Artikolu 21 ta' dan id-digriet jiddisponi li:

“Wara li tirċievi l-kopja s-safra taċ-ċertifikat provviżorju ta' identifikazzjoni, il-persuna responsabbli mir-reġistru ċentrali għandha tirreġistra l-informazzjoni tal-kelb u tal-persuna responsabbli minnu fir-reġistru ċentrali, u għandha tibgħat lill-persuna responsabbli ċertifikat definittiv ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni, kif ukoll formola intitolata 'Bdil tal-persuna responsabbli/Emenda tal-informazzjoni/Mewt' li l-mudell tagħha huwa stabbilit fl-Anness IV ta' dan id-digriet. Immedjatament wara li tirċevih, il-persuna responsabbli għandha twaħħal iċ-ċertifikat definittiv ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni fil-passaport.”

22 L-Artikolu 22 tad-digriet imsemmi jipprovdi:

“F’każ ta’ trasferiment ta’ kelb, il-persuna li tittrasferixxi għandha timla l-formola ‘Bdil tal-persuna responsabbli/Emenda tal-informazzjoni/Mewt’ u tibgħatha fi żmien tmint ijiem lill-persuna responsabbli mir-reġistru ċentrali. Il-passaport għandu jiġi ttrasferit minnufih lill-persuna responsabbli l-ġdida. Il-persuna responsabbli mir-reġistru ċentrali għandha tibgħat il-prova tal-bidla lill-persuna responsabbli l-ġdida, kif ukoll formola ‘Bdil tal-persuna responsabbli/Emenda tal-informazzjoni/Mewt’. Immedjatament wara li tirċeviha, din għandha twaħħal fil-passaport iċ-ċertifikat definittiv ta’ identifikazzjoni u ta’ reġistrazzjoni l-ġdid.”

23 Skont l-Artikolu 23 tal-istess digriet:

“Fil-każ tal-Artikolu 6 jew 7, l-identifikatur għandu jibgħat, mill-iktar fis possibbli u f’kull każ fi żmien tmint ijiem, il-formola ‘Bdil tal-persuna responsabbli/Emenda tal-informazzjoni/Mewt’, fejn isemmi l-marka għall-identifikazzjoni l-ġdida lill-persuna responsabbli mir-reġistru ċentrali. Kif stabbilit mir-reġistrazzjoni taħt din il-marka għall-identifikazzjoni l-ġdida, din tal-aħħar għandha tibgħat lill-persuna responsabbli l-ġdida ċertifikat definittiv ta’ identifikazzjoni u ta’ reġistrazzjoni ġdid, kif ukoll il-formola ‘Bdil tal-persuna responsabbli/Emenda tal-informazzjoni/Mewt’.”

24 L-Artikolu 1 tad-digriet tal-21 ta’ Settembru 2004 jemenda l-Artikolu 14 tad-Digriet Irjali tal-10 ta’ Frar 1967 li jirregola s-saħħa tal-annimali fir-rigward tar-rabja (*Moniteur belge* tal-25 ta’ Frar 1967, p. 1966 iktar ‘il quddiem id-“digriet tal-10 ta’ Frar 1967”), li llum jipprovdi b’dan il-mod:

“§ 1. Għal kull tilqima, il-veterinarju rikonoxxut li jwettaq it-tilqima għandu jagħti ċertifikat konformi mal-mudell anness ma dan id-digriet.

§ 2. Għal kelb, qattus jew nemes li jkollu tpinġija jew microchip li jinqara jew li jkun identifikat fil-mument tat-tilqima, il-veterinarju rikonoxxut għandu jagħti passaport li, skont il-każ, ikun inħareġ minn persuna ġuridika rikonoxxuta b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet [tad-digriet tal-5 ta' Mejju 2004] jew mill-persuna responsabbli mir-reġistru ċentrali ta' identifikazzjoni tal-klieb, stabbilit b'applikazzjoni tal-Artikolu 27 [tad-digriet tat-28 ta' Mejju 2004]. Wara l-identifikazzjoni jew wara l-verifika tal-identifikazzjoni, il-veterinarju rikonoxxut għandu jindika t-tilqima li jkun għamel fil-passaport imsemmi iktar 'il fuq.

Fil-każ fejn il-kelb, qattus jew nemes ikollu diġà passaport kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-veterinarju rikonoxxut li jkun għamel it-tilqima għandu jimla dan il-passaport bl-informazzjoni meħtieġa dwar it-tilqima li saret, u dan wara kontroll tal-informazzjoni ta' identifikazzjoni.

§ 3. Il-proprjetarji u d-detenturi ta' annimali li għandhom jitlaqqmu huma marbuta li jippreżentaw, skont il-każ, iċ-ċertifikat tat-tilqim jew il-passaport imsemmi iktar 'il fuq, fuq kull talba ta' waħda mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 27."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

Fil-Kawża C-42/10

²⁵ Imressqa fil-5 ta' Novembru 2004 mill-Vlaamse Dierenartsenvereniging u minn M. Janssens, l-azzjoni fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-42/10 hija intiża għall-annullament

tad-digriet tal-21 ta' Settembru 2004 sa fejn dan jimponi, fl-Artikolu 14 tad-digriet tal-10 ta' Frar 1967 emendat minnu, li tiġi indikata t-tilqima kontra r-rabja fuq passaport għal annimal domestiku li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-digriet tal-5 ta' Mejju 2004 jew dawk stabbiliti mid-digriet tat-28 ta' Mejju 2004.

26 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali josservaw li d-digriet tal-21 ta' Settembru 2004 jikser il-prinċipji tal-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-persuni, u l-prinċipju tal-kompetizzjoni ħielsa, billi jagħti monopolju biss lill-Belgische Vereniging voor Identificatie en Registratie van Honden (iktar 'il quddiem il-"BVIRH"), kif ukoll ir-Regolament Nru 998/2003 u d-Deċiżjoni 2003/803.

27 Fuq dan l-aħħar punt, l-imsemmija rikorrenti jsostnu li d-digriet tal-21 ta' Settembru 2004 jipprekludi t-tniżżil tat-tilqim fuq passaport barrani għal annimal domestiku jew fuq il-passaport għal annimal domestiku, maħruġ mill-Vlaamse Dierenartsenvereniging. Dawn josservaw ukoll li r-riferiment għad-digrieti tal-5 u tat-28 ta' Mejju 2004 ma japplikax, peress li dawn tal-aħħar jikkontjenu rekwiżiti supplimentari meta mqabbla ma dawk stabbiliti mill-passaport għall-annimal domestiku, kif stabbilit mir-Regolament Nru 998/2003. B'mod partikolari, id-digrieti msemmija jassoċjaw ma' dan il-passaport obbligu ta' reġistrazzjoni u ta' traċċabbiltà. Issa, il-passaport ikkunsidrat mill-imsemmi regolament għandu funzjoni purament sanitarja. Barra minn hekk, tali żieda qatt ma kienet tiffirma parti mill-intenzjonijiet tal-leġiżlatur tal-Unjoni, peress li l-identifikazzjoni tal-annimal hija neċessarja biss għall-finijiet li jiġi assoċjat miegħu ċertifikat sanitarju. Barra minn hekk, it-twaħħil tat-tikketti minn terzi fuq dokument sanitarju, hekk kif jipprovdi d-digriet tat-28 ta' Mejju 2004, ma huwiex awtorizzat. Fir-rigward tad-digriet tal-5 ta' Mejju 2004, dan jintroduċi, billi jipprovdi li l-passaporti maħruġa fil-Belġju għandu jkollhom numru uniku ta' tlettax-il ċifra, rekwiżit mhux meħtieġ fuq il-livell tal-Unjoni.

28 Il-konvenut fil-kawża prinċipali jirribatti li l-passaport inkwistjoni fir-Regolament Nru 998/2003 huwa qabel kollox dokument ta' identifikazzjoni, u li huwa perfettament

loġiku li huwa adotta miżuri sabiex jiżgura politika koerenti u uniformi li tagħmel obbligatorju dokument uniku, li jservi, fil-Belġju, bħala dokument ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni u, fil-movimenti fil-Komunità, bħala dokument sanitarju u ta' identifikazzjoni. Fir-rigward tal-allegata sitwazzjoni ta' monopolju tal-BVIRH, dan josserva li din l-assoċjazzjoni ma hijiex l-unika waħda li kienet is-suġġett ta' rikonoxximent mill-Istat.

29 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li r-Raad van State iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

“1) L-Artikoli 3(b), 4(2), 5, u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament [Nru 998/2003] u l-artikoli u l-annessi tad-Deċiżjoni [2003/803], jipprekludu li sistema nazzjonali fil-qasam tal-passaporti għal qtates u għal nemes tirreferi [...] għall-mudell u għar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti bid-deċiżjoni [2003/803], iżda [...] timponi b'mod addizzjonali li kull passaport ikollu numru uniku kompost minn tlettax-il simbolu, jiġifieri l-kodiċi ISO tal-Belġju 'BE', segwit min-numru ta' approvazzjoni tad-distributur kompost minn żewġ ċifri u minn numru sussegwenti ta' disa' ċifri?

2) L-Artikoli 3(b), 4(2), 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament [Nru 998/2003] u l-artikoli u l-annessi tad-Deċiżjoni [2003/803] jipprekludu li sistema nazzjonali tuża wkoll il-mudell ta' passaport Ewropew għall-annimali domestiċi bħala prova tal-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni ta' klieb, u, barra minn hekk, tistabbilixxi li terzi jagħmlu bidliet, permezz ta' tikketti ta' identifikazzjoni li jitwaħħlu waħedhom, li jirrigwardaw l-identifikazzjoni tas-sid u tal-annimal fil-partijiet I sa III tal-passaport Ewropew għall-annimali domestiċi u li huma vverifikati minn veterinarju rikonoxxut, bir-riżultat li tiżdied id-data tal-identifikazzjoni preċedenti?”

Fil-Kawża C-45/10

- 30 Imressqa fit-30 ta' Lulju 2004 mill-Vlaamse Dierenartsenvereniging u minn M. Janssens, l-azzjoni fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-45/10 hija intiża għall-annullament tad-digriet tat-28 ta' Mejju 2004.
- 31 Għal dan il-għan, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu qabel kollox li dan id-digriet joħloq sitwazzjoni ta' monopolju favur il-BVIRH f'dak li jirrigwarda d-distribuzzjoni tal-passaporti intiżi għall-klieb, liema ħaġa għandha l-konsegwenza li tipprekludi lill-veterinarji milli jistampaw il-passaporti għal annimal domestiku tagħhom fi Stat Membru differenti mir-Renju tal-Belġju. Id-digriet imsemmi huwa wkoll sors ta' frodi u joħloq diskriminazzjoni billi jorbot l-identifikazzjoni tal-klieb li tinsab fil-passaporti inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma' obbligu ta' reġistrazzjoni u ta' traċċabbiltà filwaqt li dan l-obbligu ma jeżistix għall-qtates u għan-nemes, u dan minkejja li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni titratta lil dawn l-ispeċi ta' annimali b'mod identiku. Barra minn hekk, l-effett dirett ta' din il-leġiżlazzjoni jimponi fuq il-Vlaamse Dierenartsenvereniging li tagħmel kollox sabiex il-membri tagħha jkunu jistgħu josservaw il-leġiżlazzjoni msemmija, u għandha wkoll il-konsegwenza li tagħmel id-digriet tat-28 ta' Mejju 2004 inapplikabbli. Sussegwentement, l-imsemmija rikorrenti josservaw li l-użu ta' tikketti adegwi jmur kontra l-għan imfittex mid-Deċiżjoni 2003/803, li huwa dak li tippermetti kontroll faċli min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti. Finalment, il-prinċipju tassussidjarjetà ma jistax jiġi invokat mill-Istat Membru kkonċernat.
- 32 Barra minn hekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali josservaw li d-dispożizzjonijiet tad-digriet tat-28 ta' Mejju 2004, li juża l-passaport mudell għall-annimal domestiku previst mid-Deċiżjoni 2003/803 bħala prova ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-klieb, li jipprevedu t-twaħħil ta' tikketti adegwi fuq il-passaport għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-proprjetarju u tal-annimal u li jinjoraw l-imsemmi passaport mudell f'dak li jirrigwarda l-isparju previst għall-informazzjoni dwar il-proprjetarju l-ġdid, jikkostitwixxu regoli tekniċi fis-sens tad-Direttiva 98/34 li, abbażi tal-Artikolu 8 ta' din tal-aħħar, kellhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea qabel l-adozzjoni tagħhom. F'dan is-sens, ir-rikorrenti msemmija jsostnu li l-klieb akkumpanjati mill-passaport tagħhom għandhom jitqiesu bħala merkanzija.

33 F'sentenza tad-9 ta' Jannar 2006 (Nru 153 336), li tiċħad talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-digriet ikkontestat, il-qorti tar-rinviju kkunsidrat li s-sempliċi fatt li kwistjoni determinata tkun irregolata minn dispożizzjonijiet direttament vinkolanti fil-livell tal-Unjoni ma jipprekludix li l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam ikkonċernat tiddeċiedi, b'mod komplimentari u bil-għan li tiddefendi l-interess nazzjonali komuni, fuq dispożizzjonijiet li jappartjenu lilha, f'dak li jirrigwarda aspetti mhux irregolati mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew meta din il-leġiżlazzjoni ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali komplimentari. Il-konvenut fil-kawża prinċipali seta' għalhekk, skont din il-qorti, jistabbilixxi leġiżlazzjoni tad-dritt intern sakemm din ma tipprekludix il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni milli tipproduċi l-effetti tagħha b'mod sħiħ. Peress li la r-Regolament Nru 998/2003 u lanqas id-Deċiżjoni 2003/803 ma fihom dispożizzjonijiet dwar il-produzzjoni u d-distribuzzjoni lill-veterinarji tal-passaporti intiżi għall-klieb, id-digriet tat-28 ta' Mejju 2004 ma jmurx lil hinn mill-kuntest stabbilit mid-deċiżjoni msemmija. Bl-istess mod, fir-rigward tat-twaħħil tat-tikketti adeżivi fuq dawn il-passaporti, il-qorti msemmija kkunsidrat li la r-Regolament Nru 998/2003 u lanqas id-Deċiżjoni 2003/803 ma jipprekludu li l-indikazzjonijiet individwalizzati jitwaħħlu fuqhom permezz ta' tikketti adeżivi, sakemm din il-prattika ma twassalx għal diverġenzi fil-konfront tal-passaport mudell stabbilit mid-Deċiżjoni 2003/803.

34 Peress li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali baqgħu jsostnu l-argumentazzjoni tagħhom fir-rigward tan-nuqqas ta' kompatibbiltà tad-digriet tat-28 ta' Mejju 2004 mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, ir-Raad van State iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja id-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikoli 3(b), 4(2) u 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament [Nru 998/2003] u l-artikoli u l-annessi tad-Deċiżjoni [2003/803] jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tuża wkoll il-mudell tal-passaport Ewropew għall-pets bħala prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-klieb u barra minn hekk tipprovdi li terzi jistgħu jagħmlulu tibdil dwar l-identifikazzjoni tas-sid tal-annimal fil-Partijiet I sa III ta' passaport Ewropew tal-pets iċċertifikat minn veterinarju awtorizzat permezz ta' stikers ta' identifikazzjoni li huma sovrapposti fuq id-dettalji preċedenti ta' identifikazzjoni?

- 2) Id-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jużaw ukoll il-mudell tal-passaport Ewropew għall-pets li jinsab fid-Deċiżjoni [2003/803] bħala prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-klieb u barra minn hekk tipprovdi li terzi jistgħu jagħmlulu tibdil dwar l-identifikazzjoni tas-sid u u tal-annimali fil-Partijiet I sa III ta' dan il-passaport [permezz ta' stikers], huma regolamenti tekniċi fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva [98/34], li skont l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea qabel ma jiġu adottati?"

Fil-Kawża C-57/10

- ³⁵ Imressqa fis-7 ta' Ġunju 2004 mill-Vlaamse Dierenartsenvereniging, l-azzjoni fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-57/10 hija intiża għall-annullament tad-digriet tal-5 ta' Mejju 2004.
- ³⁶ F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni li d-digriet imsemmi jikser l-Artikoli 3(ġ) KE, 30 KE, 81 KE u 82 KE, il-prinċipji tal-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi, tal-persuni u tal-kapital, ir-Regolament Nru 998/2003, id-Deċiżjoni 2003/803 kif ukoll id-Direttiva 98/34.
- ³⁷ Meta ffissa l-metodu ta' determinazzjoni tan-numru uniku tal-passaport għall-annimal domestiku b'mod iktar iddettaljat minn dak li tipprovdi l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, id-digriet tal-5 ta' Mejju 2004, min-naħa waħda, injora l-effett dirett rikonoxxut mill-Artikolu 249 KE lir-regolamenti u lid-deċiżjonijiet tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, jikkostitwixxi regola teknika li ma ġietx, bi ksur tad-Direttiva 98/34, ikkomunikata lill-Kummissjoni.
- ³⁸ Il-konvenut fil-kawża prinċipali josserva li, għad-determinazzjoni ta' dan in-numru uniku, b'mod konformi mar-Regolament Nru 998/2003, l-awtoritajiet nazzjonali jiddisponu minn marġni ta' diskrezzjoni li tawtorizzahom sabiex jadottaw deċiżjonijiet komplimentari, intiżi biex jelaboraw proċedura ta' identifikazzjoni korretta. Dan

iqis ukoll li d-digriet tal-5 ta' Mejju 2004 ma jidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/34.

39 Fis-sentenza tad-9 ta' Jannar 2006 (Nru 136 163), li tiċħad talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-digriet imsemmi, il-qorti tar-rinviju kkunsidrat li s-sempliċi fatt li kwistjoni partikolari tkun imfassla minn dispożizzjonijiet direttament vinkolanti fuq livell tal-Unjoni ma jipprekludix li l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam ikkonċernat tistabbilixxi, b'mod komplimentari u bil-għan li tiddefendi l-interess nazzjonali komuni, dispożizzjonijiet li jkunu tagħha stess, f'dak li jirrigwarda aspetti mhux irregolati mil-leġislazzjoni tal-Unjoni jew meta din il-leġislazzjoni ma tipprekludix leġislazzjoni nazzjonali komplimentari. Il-konvenut fil-kawża prinċipali seta' b'hekk, skont din il-qorti, jistabbilixxi leġislazzjoni fid-dritt intern sakemm din ma tipprekludix il-leġislazzjoni tal-Unjoni milli toħloq b'mod sħiħ l-effetti tagħha. Peress li la r-Regolament Nru 998/2003 u lanqas id-Deċiżjoni 2003/803 ma jikkontjenu dispożizzjonijiet dwar il-produzzjoni u d-distribuzzjoni lill-veterinarji tal-passaporti intiżi għall-qtates u għan-nemes, id-digriet ikkontestat ma jmurx lil hinn mill-kuntest stabbilit mid-deċiżjoni msemmija.

40 Peress li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni l-argument tagħha dwar l-inkompatibbiltà tad-digriet tal-5 ta' Mejju 2004 mal-leġislazzjoni tal-Unjoni, ir-Raad van State iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 3(b), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament [Nru 998/2003] u l-Artikoli flimkien mal-Annessi tad-Deċiżjoni [2003/803] jipprekludu li skema nazzjonali dwar passaport għal qtates u nemes tirreferi għall-mudell u għar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti bid-Deċiżjoni [2003/803], iżda jimponu wkoll li kull passaport ikollu numru uniku li jinkludi tlettax-il karattru, jiġifieri l-Kodiċi ISO tal-Belġju 'BE', segwit min-numru tal-identifikazzjoni tad-distributur li jikkonsisti f'żewġ numri, u warajh disa' numri oħra?

- 2) Skema nazzjonali li, fir-rigward ta' passaport għal qtates u nemes, tirreferi għall-mudell u għar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti bid-Deċiżjoni [2003/803], iżda li timponi wkoll li kull passaport ikollu numru uniku li jinkludi tlettax-il karattru, jiġifieri l-Kodiċi ISO tal-Belġju 'BE', segwit min-numru tal-identifikazzjoni tad-distributur li jikkonsisti f'żewġ numri, u warajh disa' numri oħra, hija regolament tekniku fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva [98/34] li, skont l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni [...] qabel ma jiġi adottat?"

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

- ⁴¹ Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Vlaamse Dierenartsenvereniging, rikorrenti fit-tliet kawżi prinċipali, tiffurmula żewġ domandi komplimentari li hija ssostni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiegħu deċiżjoni wkoll dwarhom minħabba l-importanza tagħhom.

- ⁴² F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qorti nazzjonali, kif prevista fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li tinsab quddiemha, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan

is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009, Hochtief u Linde-Kca-Dresden, C-138/08, Ġabra p. I-9889, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 43 Għaldaqstant, is-setgħa li jiġu ddeterminati d-domandi li għandhom isiru lill-Qorti tal-Ġustizzja hija mogħtija biss lill-qorti nazzjonali u l-partijiet ma jistgħux jibdli l-kontenut tagħhom (sentenza Hochtief u Linde-Kca-Dresden, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 44 Barra minn hekk, bdil fis-sustanza tad-domandi preliminari jew rispostagħad-domandi addizzjonali msemija mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fl-osservazzjonijiet tagħhom ikun inkompatibbli mar-rwol mogħti lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz tal-Artikolu 267 TFUE kif ukoll mal-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiżgura l-possibbiltà lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-partijiet interessati li jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-fatt li, skont din id-dispożizzjoni, huma biss id-deċiżjonijiet tar-rinviju li jiġu nnotifikati lill-partijiet ikkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Hochtief u Linde-Kca-Dresden, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 45 Isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax twettaq evalwazzjoni tad-domandi komplimentari mqajma mill-Vlaamse Dierenartsenvereniging.

Fuq l-ewwel domandi fil-Kawżi C-42/10 u C-57/10

- 46 Bl-ewwel domandi tagħha fil-Kawżi C-42/10 u C-57/10, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 3(b), 4(2), 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 998/2003, kif ukoll l-artikoli u l-Annessi tad-Deċiżjoni 2003/803 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali,

bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi numerazzjoni għall-passaporti għall-annimali domestiċi komposta minn numru uniku li jinkludi l-kodiċi ISO b'żewġ karattri tar-Renju tal-Belġju "BE" segwit min-numru ta' approvazzjoni tad-distributur awtorizzat kompost minn żewġ ċifri u minn numru sussegwenti ta' disa' ċifri.

47 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kemm minħabba n-natura tagħhom, kif ukoll minħabba l-funzjoni tagħhom fl-iskema tas-sorsi tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet ta' regolamenti għandhom, ġeneralment, effett immedjat fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali mingħajr ma jkun meħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jieħdu miżuri ta' applikazzjoni jew mingħajr ma jkun meħtieġ li l-leġiżlatur tal-Unjoni jadotta leġiżlazzjoni addizzjonali (sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, *SGS Belgium et*, C-367/09, Ġabra p. I-10761, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Madankollu, uħud mid-dispożizzjonijiet ta' regolament, anki jekk kompletati minn deċiżjoni ta' eżekuzzjoni, jistgħu jeħtieġu, sabiex jiġu implementati, l-adozzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2001, *Monte Arcosu*, C-403/98, Ġabra p. I-103, punt 26).

49 Dan huwa kjarment il-każ tal-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament Nru 998/2003, moqri flimkien mal-punt 2(ċ) tal-parti B tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/803.

50 Fil-fatt, bl-eċċezzjoni tal-obbligu li jitniżżel in-numru ISO tal-Istat Membru tal-ħruġ fil-bidu tas-sekwenza ta' karattri li jikkomponu n-numru uniku li għandu jitwaħħal fuq il-passaport għall-animali domestiċi, l-imsemmija dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 998/2003 u tad-Deċiżjoni 2003/803 ma jimponu ebda mudell speċifiku ta' determinazzjoni ta' dan in-numru. Għalhekk, dawn iħallu f'idejn l-Istati Membri l-obbligu li jiddefinixxu l-metodu ta' determinazzjoni tiegħu.

51 Għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfa r-rekwiżiti dwar in-numerazzjoni tal-passaporti stabbiliti mill-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament Nru 998/2003, moqri flimkien mal-punt 2(ċ) tal-parti B tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/803. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni nazzjonali msemija tipprevedi, min-naħa waħda, li kull passaport ikollu numru uniku u, min-naħa l-oħra, li l-ewwel żewġ karattri ta' dan in-numru jkunu jirreferu għall-kodiċi ISO tar-Renju tal-Belġju "BE". Il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, meta timplimenta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemija iktar 'il fuq u meta tippreċiża, barra minn hekk, il-metodu ta' numerazzjoni tal-karattri l-oħra li huwa kompost minnhom in-numru tal-passaport, tiżgura l-effett sħiħ ta' dawn l-aħħar dispożizzjonijiet.

52 Minn dak li ntqal jirriżulta li r-risposta għall-ewwel żewġ domandi fil-Kawża C-42/10 u C-57/10 għandha tkun li l-Artikoli 3(b), 4(2), 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 998/2003 kif ukoll l-artikoli u l-annessi tad-Deċiżjoni 2003/803 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi numerazzjoni għall-passaporti għal annimal domestiku, komposta minn numru uniku li jinkludi l-kodiċi ISO b'żewġ karattri tal-Istat Membru kkonċernat segwit min-numru ta' approvazzjoni tad-distributur awtorizzat kompost minn żewġ ċifri u minn numru sussegwenti ta' disa' ċifri, sakemm din tiżgura n-natura unika ta' dan in-numru ta' identifikazzjoni.

Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-42/10 u l-ewwel domanda fil-Kawża C-45/10

53 Bit-tieni domanda tagħha fil-Kawża C-42/10 u bl-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-45/10, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 3(b), 4(2), 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 998/2003, kif ukoll l-artikoli u l-annessi tad-Deċiżjoni 2003/803 jipprekludux leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li b'applikazzjoni tagħha, min-naħa waħda, il-passaport għall-annimal domestiku jintuża mhux biss bħala dokument għall-ivvjaġġar b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda anki bħala prova tal-identifikazzjoni u

tar-reġistrazzjoni tal-klieb fuq l-livell nazzjonali u, min-naħa l-oħra, il-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-proprietarju u tal-annimal irreġistrati fuqu hija differenti minn dik stabbilita mid-Deċiżjoni 2003/803, u l-emenda ta' din tal-aħħar issir permezz tat-twaħħil tal-informazzjoni l-ġdida fuq l-informazzjoni preċedenti permezz ta' tikketti adeżivi.

54 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-użu tal-passaport għall-annimal domestiku bħala prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-klieb fuq livell nazzjonali, għandu jiġi enfasizzat li tqum il-kwistjoni dwar l-użu tal-passaport imsemmi għal finijiet paralleli u differenti minn dawk li jirregolaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jiġifieri l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali applikabbli għall-movimenti fil-Komunità tal-annimali domestiċi nieqsa minn kull natura kummerċjali.

55 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li la l-kliem u lanqas l-għan tar-Regolament Nru 998/2003 u tad-Deċiżjoni 2003/803 ma jippermettu li jiġi konkluż li l-passaport għall-annimal domestiku għandu l-funzjoni unika u esklużiva li jissodisfa l-għanijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u li, minħabba f'hekk, l-użu ta' dan il-passaport, fil-livell nazzjonali, għal finijiet oħra, huwa pprojbit. B'mod kuntrarju, mill-premessi 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2003/803 u mill-passaport mudell anness mad-deċiżjoni msemmija jirriżulta li dan jinkludi fih paġni li jippermettu li titniżżel informazzjoni mhux relatata mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. B'hekk, dan jipprovdi għall-indikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tat-tilqim mhux previst mir-Regolament Nru 998/2003, kif ukoll taqsimiet intitolati "eżami kliniku" u "legalizzazzjoni" sabiex il-passaporti għall-annimal domestiku jkunu jistgħu jiġu użati wkoll għall-movimenti tal-annimali barra l-Unjoni.

56 Għalhekk, bħala prinċipju, l-użu ta' dan il-passaport għal skopijiet differenti minn dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma jistax jiġi pprojbit.

- 57 Madankollu, huwa importanti li dan l-użu ma jpoġġix indiskussjoni la l-applikazzjoni effettiva tar-Regolament Nru 998/2003 u tad-Deċiżjoni 2003/803, u lanqas l-għanijiet imfittxija minnhom. Issa, la huwa pprovat u lanqas allegat mill-partijiet fil-kawża prinċipali jew mill-persuni kkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja li ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, li l-użu tal-passaport imsemmi għal finijiet ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-klieb fil-livell nazzjonali għandu tali effett.
- 58 Fit-tieni lok, fir-rigward tar-riferiment għal informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-proprietarju u tal-annimal, li l-emenda tiegħu jsir permezz tat-twaħħil ta' informazzjoni ġdida fuq l-informazzjoni l-qadima permezz ta' tikketti adeżivi, għandu jiġi kkonstatat li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha l-effett li tistabbilixxi passaport għal annimal domestiku, li l-preżentazzjoni tiegħu hija differenti mill-passaport mudell stabbilit mid-Deċiżjoni 2003/803.
- 59 B'hekk, filwaqt li l-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/803 jipprovdi li l-ewwel paġna tal-passaport mudell għandha tinkludi tliet partijiet li jippermettu li jitniżżlu l-identità u l-indirizz ta' tliet proprietarji suċċessivi tal-annimal, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprovdi li l-ewwel paġna tal-passaport għall-annimal domestiku jkun fiha parti waħda biss, li fuqha għandhom jitwawhlu b'mod suċċessiv tikketti adeżivi skont il-bdil fl-indirizz jew fl-identità tal-proprietarju tal-annimal.
- 60 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li, b'applikazzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni indirizzati lill-Istati Membri huma obbligatorji fl-elementi kollha tagħhom.
- 61 Barra minn hekk, mill-għan stess tad-Deċiżjoni 2003/803, mill-passaport mudell li jinsab fl-Anness I tagħha u mill-punt 1 tal-parti A tal-Anness II ta' din id-deċiżjoni li jistabbilixxi li "[i]l-format tal-mudell ta' passaport għandu jkun uniformi", jirriżulta li din id-deċiżjoni għandha l-għan li tistabbilixxi dokument uniformi, ikun liema jkun l-Istat Membru li joħroġu, u l-forma u l-kontenut tiegħu huma obbligatorji fuq l-Istati

Membri, bla ħsara għal adattazzjonijiet minuri, stabbiliti b'mod limitat fil-punt 4 tal-Anness II Ċ tad-deċiżjoni msemmija.

⁶² Għaldaqstant, bl-adozzjoni ta' preżentazzjoni tal-ewwel paġna tal-passaport għall-annimal domestiku li fuqha tidher parti waħda biss intiża sabiex jitniżżlu fiha l-identità u l-indirizz tal-ewwel proprjetarju tal-annimal u li l-emendi ulterjuri tagħha jsiru permezz tat-twaħħil ta' tikketti adegwi, leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikser il-ħtieġa ta' preżentazzjoni uniformi imposta mill-passaport mudell, li b'mod partikolari teħtieġ li l-ewwel paġna tal-passaport għall-annimal domestiku tkun tipprovdi partijiet u preżentazzjoni li tippermetti li jitniżżlu l-identità u l-indirizz ta' tliet proprjetarji suċċessivi tal-annimal.

⁶³ Barra minn hekk, hekk kif osservat il-Kummissjoni waqt is-seduta, it-twaħħil suċċessiv ta' tikketti adegwi jipprekludi l-identifikazzjoni tal-proprjetarji suċċessivi tal-annimal, minkejja li tali identifikazzjoni hija determinanti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali u minkejja li, preċiżament, ir-Regolament Nru 998/2003 u d-Deċiżjoni 2003/803 intervjenew f'dan il-qasam.

⁶⁴ Bl-istess mod, l-użu ta' tikketti adegwi bħal daww prewisti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jwassal għal bdil tal-preżentazzjoni imposta mill-passaport mudell, għandu wkoll l-effett li jostakola t-trasferiment tal-annimali domestiċi barra l-Istat Membru tal-orijini billi jimponi, f'tali każijiet, il-ħruġ ta' passaport ġdid fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

65 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda fil-Kawża C-42/10 u għall-ewwel domanda fil-Kawża C-45/10 għandha tkun li l-Artikoli 3(b), 4(2), 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 998/2003, kif ukoll l-artikoli u l-annessi tad-Deċiżjoni 2003/803 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn:

- ma jipprekludux leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li b'applikazzjoni tagħha l-passaport għall-annimal domestiku jintuża mhux biss bħala dokument għall-ivvjaġġar, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda anki bħala prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-klieb fuq livell nazzjonali, u
- jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi parti waħda fil-passaport għall-annimal domestiku intiża sabiex fiha jitniżżlu l-identità u l-indirizz tal-proprjetarju tal-annimal, li l-bdil suċċessiv tagħha jsir permezz tat-twaħħil ta' tikketti adeżivi.

Fuq it-tieni domandi fil-Kawżi C-45/10 u C-57/10

66 Bit-tieni domanda tagħha fil-Kawżi C-45/10 u C-57/10, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk dispożizzjonijiet nazzjonali, bħal dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Belġjana dwar il-passaport għall-annimal domestiku u relatati mal-użu tiegħu bħala prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-klieb, kif ukoll mal-użu ta' tikketti adeżivi sabiex isir it-tibdil relatat mal-identifikazzjoni tal-proprjetarju u tal-annimal, min-naħa waħda, u dawk dwar id-determinazzjoni ta' numru uniku għall-qtates u n-nemes, min-naħa l-oħra, għandhomx jitqiesu bħala regoli tekniċi fis-sens tad-Direttiva 98/34.

- ⁶⁷ F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, hekk kif jirriżulta mill-bażi legali tad-Direttiva 98/34, jiġifieri l-Artikolu 100A tat-Trattat KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 95 KE), kif ukoll mill-premessi 2 u 4 ta' din id-direttiva, li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi proċedura ta' informazzjoni fil-qasam ta' speċifikazzjonijiet u regoli tekniċi u regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informatika tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tiżgura b'mod partikolari l-moviment liberu tal-merkanzija.
- ⁶⁸ Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li tippreċiża li huma biss il-prodotti li għandhom valur monetarju u li jistgħu, bħala tali, ikunu s-suġġett ta' tranżazzjonijiet kummerċjali, li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-moviment liberu tal-merkanzija (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 1968, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, 7/68, Ġabra p. 617, 626, u tas-26 ta' Ottubru 2006, *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja*, C-65/05, Ġabra p. I-10341, punti 23 sa 25).
- ⁶⁹ Issa, huwa stabbilit li l-passaporti għall-annimali domestiċi, peress li għandhom numru uniku u jidentifikaw annimal speċifiku, ma jistgħux ikunu, bħala tali, is-suġġett ta' tranżazzjonijiet kummerċjali.
- ⁷⁰ Għalhekk, huwa eskluż li l-imsemmija passaporti jistgħu jiġu kkwifikati bħala "merkanzija", fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u li d-Direttiva 98/34 tapplika għalihom. Konsegwentement, speċifikazzjonijiet, bħal dawk stabbiliti mill-leġiżlazzjoni Belġjana inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistgħux jiġu kkwifikati bħala speċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom ikunu s-suġġett, b'mod konformi mal-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, ta' komunikazzjoni minn qabel lill-Kummissjoni u, fin-nuqqas, ma jiġux applikati mill-qorti nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, *Schwibbert*, C-20/05, Ġabra p. I-9447, punti 33 u 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 71 Mill-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jirriżulta li r-risposta għat-tieni domanda fil-Kawża C-45/10 u C-57/10 għandha tkun li dispożizzjonijiet nazzjonali, bħal dawk stabbiliti mil-leġislażzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dwar il-passaport għall-annimal domestiku u relatati mal-użu tiegħu bħala prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-klieb, kif ukoll mal-użu ta' tikketti adeżivi sabiex isir tibdil fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-proprietarju u tal-annimal, min-naħa waħda, u dawk dwar id-determinazzjoni ta' numru uniku għall-qtates u n-nemes, min-naħa l-oħra, ma jikkostitwixxux regoli tekniċi fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34, li għandhom, b'mod konformi mal-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, ikunu s-suġġett ta' komunikazzjoni minn qabel lill-Kummissjoni.

Fuq l-ispejjeż

- 72 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-Artikoli 3(b), 4(2), 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE, kif ukoll l-artikoli u l-annessi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/803/KE, tas-26 ta' Novembru 2003, li tistabbilixxi mudell ta' passaport tal-movimenti fil-Komunità ta' klieb, qtates u nemes, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux leġislażzjoni nazzjonali li timponi numerazzjoni

għall-passaporti għall-annimal domestiku, komposta minn numru uniku li jinkludi l-kodiċi ISO b'żewġ karattri tal-Istat Membru kkonċernat segwit min-numru ta' approvazzjoni tad-distributur awtorizzat kompost minn żewġ ċifri u minn numru sussegwenti ta' disa' ċifri, sakemm din tiżgura n-natura unika ta' dan in-numru ta' identifikazzjoni.

2) L-Artikoli 3(b), 4(2), 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 998/2003, kif ukoll l-artikoli u l-annessi tad-Deċiżjoni 2003/803 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn:

- ma jipprekludux leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li b'applikazzjoni tagħha l-passaport għall-annimal domestiku jintuża mhux biss bħala dokument għall-ivvjaġġar, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda anki bħala prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-klieb fuq livell nazzjonali, u
- jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi parti waħda fil-passaport għall-annimal domestiku intiża sabiex fiha jitniżżlu l-identità u l-indirizz tal-proprjetarju tal-annimal, li l-bdil suċċessiv tagħha jsir permezz tat-twaħħil ta' tikketti adeżivi.

3) Dispożizzjonijiet nazzjonali, bħal dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dwar il-passaport għall-annimal domestiku u relatati mal-użu tiegħu bħala prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-klieb, kif ukoll mal-użu ta' tikketti adeżivi sabiex isir tibdil fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-proprjetarju u tal-annimal, min-naħa waħda, u dawk dwar id-determinazzjoni ta' numru uniku għall-qtales u n-nemes, min-naħa

l-oħra, ma jikkostitwixxux regoli tekniċi fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-ġhoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi, kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Lulju 1998, li għandhom, b'mod konformi mal-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, ikunu s-suġġett ta' komunikazzjoni minn qabel lill-Kummissjoni Ewropea.

Firem